MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2282/1998/1

**Roseanne Caruana**
**vs**
**John Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi, l-kontendenti huma mizzewgin lill xulxin u id-dar konjugali taghhom hija stabbilita fil-fond ta' Mistral, 13, Saint Vincent Street, Birzebbuga;

Billi, minhabba disgwid matrimonjali, huma pendenti bejn il-partijiet proceduri ta' separazzjoni istitwiti mill-konvenut;

Billi, d-deheb u hagar prezzjuz hekk klandestinament mehud mill-konvenut huwa dak elenkat fl-anness inventarju hawn unit u mmarkat Dokument "A" u jappartjenu prattikament 'in toto' lill-attrici parafernalment,

b’xi eccezzjonijiet akkwistati matul iz-zwieg, illi huma indikati bhala tali fl-istess Dokument “A”;

Billi, irrizulta illi l-konvenut, klandestinament, ha u appropja ruhhu minn deheb u hagar prezzjuz illi jappartjenu lil u kienu fil-pussess tal-attrici, minghajr il-kunsens jew l-awtorizazzjoni taghha f’xi data mhux maghrufa ghall-attrici bejn l-14 ta’ Settembru 1998 u s-7 ta’ Ottubru 1998;

Billi, l-agir tal-konvenut fuq imsemmi jikkonsisti fi spoll klandestin fil-konfront tal-attrici illi hija intitolata illi tigi ri-integrata fl-istat ta’ fatt anticidenti l-ispoll imwettaq mill-konvenut;

Billi, mitlub jirritorna l-oggetti hekk minnhu mehuda l-konvenut baqa’ inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghalhiex m’ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut, b’ghemil fuq imsemmi, ikkommetta spoll u klandestin fi-konfront tal-attrici ai termini tal-Artikoli 534 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap 16)

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti, huwa jispurgi lis-spoll hekk minnu kommess u jirreintegra lill-istess attrici fil-pussess tad-deheb u l-hagar prezzjuz minnu, klandestinament appropjat, dan billi jirritorna u jikkonsenja lill-attrici d-deheb u l-hagar prezzjuz elenkat fl-anness inventarju Dokument “A”

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Ottubru 1998 kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B’riserva ta’ kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi mhu minnu xejn li f'xi data mhux maghrufa ghall-attrici, bejn l-14 ta' Settembru, 1998 u s-7 ta' Ottubru, 1998 skond l-allegazzjoni ta' l-istess attrici, l-eccipjent ikkommetta spoll kif pretiz fl-att tac-citazzjoni.

2. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa li l-azzjoni odjerna hija perenta skond il-ligi bid-dekors tat-terminu ta' xaharejn;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi rrizulta nkontestat li fiz-zmien indikat il-kontendenti kienu ghaddejjin minn procedura ta' separazzjoni personali bejniethom. Illi l-attrici ghal xi zmien kienet telqet mid-dar konjugali, izda rega' rritornat lura f' Dicembru 1997 u baqghet tghix fl-istess dar li fih kien jghix wkoll il-konvenut.

Illi f' data sussegwenti, il-konvenut gabar diversi oggetti tad-deheb u hagar prezjuz, poggihom go kaxxa u ha kollox ghand missieru, u dana, skond ir-raguni moghtija mill-istess konvenut sabiex jippreserva dawn l-oggetti sakemm jsir il-qsim tal-proprjeta' bejn il-partijiet. Il-konvenut spjega li r-raguni ghaliex ghamel hekk kienet dovuta ghal mod kif l-attrici kienet qeda ggib ruhha d-dar. Sostna li l-uniku skop tieghu kien, mhux li jimpussessa ruhu minn dawn l-oggetti, izda sabiex jippreservahom sal-likwidazzjoni finali.

Illi l-kontestazzjoni principali f' dan il-kaz hija z-zmien li fih sar l-allegat att spoljattiv. Di fatti l-eccezzjonijiet tal-konvenut hija proprju li fiz-zmien indikat fic-citazzjoni ma sar ebda spoll da parti tieghu u rigward il-perijodu

precedenti sostna li l-azzjoni hija perenta minhabba d-dekors taz-zmien.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi in vena legali l-Qorti tosserva li l-azzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu tlett fatturi: il-pussess *(possidesse),* l-att spoljattiv *(spoliatum fuisse)* u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni *(infra bimestre deduxissesse).*

Illi f' dan il-kaz, huwa opportun li fl-ewwel lok jigi stabbilit jekk jesistix l-element tal-*infra bimestre deduxisse.* Dan hu terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fiz-zmien xaharjen mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi. Ghalhekk jehtieg li dan l-element essenzjali bhal elementi l-ohra jigi provat sodisfacentement skond il-ligi.

Inoltre, il-gurisprudenza interpretattiva abbraccjata hi fis-sens dan il-perijodu bimestrali *"jibda jiddekorri mid-data li fiha l-attur ikun attwalment u fizikament gie spoljat mill-pussess tieghu u mhux a die scientiae" [PA* ***Michaelangelo Fenech noe vs Alfred Camilleri*** *deciza 22 Frar 1994 u kkwotat b' approvazzjoni fil-kawza App.Civ.* ***L-Avukat Dottor Frank Vassalloet vs Joseph Baldacchino et*** *[1998] Vol.LXXXII.II.1354].* Interpretazzjoni diversi tmur kontra t-termini espressi tal-Artikolu 535 tal-Kap.16 li ma jaghmel ebda distinzjoni f' dan is-sens imma jghid espressament *"fi zmien xaharejn mill-ispoll".*

F' dan ir-rigward huwa validu l-argument illi kieku l-legislatur ried jipprovdi li z-zmien ta' dekadenza jibda jiddekorri minn meta l-persuna tkun indunat bl-att turbattiv jew setghet hekk tinduna, kien jipprovdi b' dan il-mod kif ghamel f' diversi kazijiet ohra, u dan fuq l-istregwa tal-principju li *quod lex voluit lex dixit.* Inoltre l-att spoljattiv li jghati lok ghall-azzjoni huwa meqjus li sehh malli, u fid-

data, li fiha gie turbat il-pussess tal-attur, u hija minn din id-data li jibda jiddekorri l-perijodu perentorju ta' xaharejn, u huwa immaterjali ghall-finijiet ta' dan l-element, li l-ispussessament jkun baqa' jippersisti. *[Vassallo vs Baldacchino.]*

Inoltre, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li *"All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..***"[***Camilleri v Agius** *PA.20/10/1882].* Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa <u>kwalunkwe pussess materiale u di fatto</u> *[***Vol.XXXVII.I.280***]. Spoll vjolent u abusiv "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li marte proprio jmur kontra l-persuna spoljata"* **[Vol.XLI.II.1133**]; u *"neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto***"[Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49].***

Gie wkoll affirmat li ghall-promozzjoni ta' din l-azzjoni, mhux necessarju li l-pussess ikun esklusiv. *"Anzi l-Qrati nostrana dejjem ippermettew li* ***l-ko possessur*** *jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklusiv" [PA* ***Alfred Pisani vs Victor Farrugia*** *[FGC] 21.01.94]*

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza ***[Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79].***

***Osservazzjonijiet fattwali***

Fil-kaz in disamina filwaqt li l-attrici fl-att tac-citazzjoni u fix-xhieda taghha qeda ssostni li l-att turbattiv tal-pussess taghha sar f' xi data bejn l-14 ta' Settembru 1998 u s-7 ta' Ottubru 1998", il-konvenut minn naha tieghu qed isostni li l-oggetti harighom mid-dar konjugali biex johodhom fid-dar tal-genituri tieghu f' Jannar 1998.

Fl-affidavit taghha l-attrici spjegat li meta hija rritornat lura d-dar f' Dicembru 1997 l-oggetti kienu ghadhom hemm, u qalet ukoll li fl-14 ta' Settembru tal-istess sena kellha attivita' u libset ic-curkett tad-deheb bid-djamanti u kkonfermat li sa dak in-nhar l-oggetti kienu ghadhom fid-dar konjugali. Il-konvenut minn naha tieghu sostna li huwa kien hareg l-oggetti mid-dar f' Jannar u l-oggett fil-partita 7 [Dok.A] f' Gunju tal-istess sena, liema versjoni tinsab konfortata bl-affidavit ta' missieru.

In materja ta' konflitt fil-provi, jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet ***"Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia",*** *[ Prim' Awla, Qorti Civili, [MCC], 24 ta' Novembru 1966],* "Illi l-konflitti fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."; *PA (PS)* ***Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis difesa*** *– 28.05.2003 (910/1989)*

Din il-Qorti wara ezami rett tal-provi u debita konsiderazzjoni hija tal-fehma li ghandha taghti affidament ghat-tesi attrici fis-sens li tikkonsidera bhala fatt sodisfacentement provat li sal-14 ta' Settembru l-oggetti kienu ghadhom fid-dar konjugali, u ghalhekk, stante li c-citazzjoni kienet giet prezentata fil-5 ta' Novembru 1998 it-terminu ta' xaharjen mid-data li fiha twettaq l-att spoljattiv ma lahaqx iddekorra. Ghalhekk dan l-element jirrizulta sodisfatt.

Illi in kwantu ghaz-zewg elementi l-ohra, dak tal-pussess u dak tat-turbament tal-pussess, il-Qorti tosserva li huwa pacifiku li l-oggetti kienu fid-dar konjugali fejn kienu qed jirrisjedu l-kontendenti, u ghalhekk kienu fil-pussess taghhom it-tnejn, ghalkemm jidher li dawn kienu jintlibsu mill-attrici. F' dawn ic-cirkostanzi ma hemmx dubbju dwar l-esistenza tal-element tal-*possidesse.* Rigward l-ahhar

element dak tal-*spoliatum fuisse*, il-Qorti tosserva li anke dan jikkonfiguira manifestament. In fatti rrizulta *ex admissis* mill-konvenut li dana ppriva lill-attrici mill-pussess materjali ta' dawn l-oggetti meta hadhom u poggihom go safe fid-dar tal-genituri tieghu.

Ir-raguni moghtija mill-konvenut ghall-azzjoni abbusiva tieghu u li hi fis-sens li dana ried jippreserva l-oggetti sal-likwidazzjoni finali, hija immaterjali ghall-finijiet tal-ezami odjern, stante li bl-azjoni odjerna l-ligi riedet proprju tipproteggi l-pussess materjali tal-pussessur. Bl-azzjoni tieghu l-konvenut ippriva lill-attrici mill-pussess materjali tal-oggetti in disamina tant li meta fis-7 ta' Ottubru marret biex tilbes uhud minnhom, hija ma setghetx taghmel hekk ghax sabithom nieqsin. Sitwazzjoni certament sanzjonabbli *multo magis* meta kif ammetta l-istess konvenut parti minnhom kienu proprjeta' parafernali taghha !.[1]

F' dan l-istadju ghandu jigi osservat li, nonostante li l-konvenut ammetta li l-oggetti kien hadhom hu, huwa cahad konsistentement li c-curkett indikat fil-partita [1] fl-inventarju [Dok.A][2] kien fost dawn l-oggetti, u l-Qorti tikkunsidra li in kwantu ghal dan l-oggett ma jistax jinghad li l-attrici pprovat il-kaz taghha sodisfacentement.

In vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz t-talba attrici hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt: fil-fatt, ghax il-fatti minnha allegati [ghajr ghall-imsemmi curkett] gew sodisfacentement provati, u fid-dritt, ghax gew provati t-tlett elementi tal-azzjoni ta' spoll vjolent u klandestin li fuqha hija bazata l-azzjoni odjerna.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li gie kommess spoll vjolent u klandestin da parti tal-konvenut, u tikkundannah sabiex fi zmien hamest ijem jirreintegra lill-attrici fil-pussess tad-deheb u l-hagar

[1] Deposizzjoni konvenut – 13.11.2002 Fol.80
[2] Curkett tad-deheb bid-djamant Fol.6 – Dok.A

prezzjuz elenkati fid-Dokument A [Fol.6] anness mal-att tac-citazzjoni, bl-eskluzjoni tac-curkett tad-deheb bid-djamanti fuq indikat.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------